# Il-Qassisin u l-Ilsien Malti

*Din il-kitba dehret fil-"Catholic Herald" ta' l-24 ta' Marzu, '39, bi tweġiba għall-ittra ta' Patri Bugeja li dehret fl-istess ġurnal.*

Sinjur,

L-ittra ta' Patri Bugeja fil-*Catholic Herald* tas-17 ta' dan, tefgħet fuqi stqarrijiet li jien ma għamiltx. Saqsieni jekk jiena "iniex nitlob wisq mill-Kleru Malti meta qed nistiednu jarmi wara spallejh il-kultura Latina ta' sekli twal sabiex iwaqqaf sisien ta' kultura ġdida ma' l-Ingliterra." Jien ma semmejt xejn minn dan; hekk hu minnu li ma nistax nifhem għaliex il-qassisin tagħna għandhom "jarmu wara spallejhom" il-kultura tagħhom Latina, li hi l-kultura tax-xirkiet kollha Kattoliċi ta' kullimkien.

Għal dak li hu lsien Taljan, aħna ta' l-opinjoni li għandu jibqa' flimkien ma' l-Ingliż, bħala wieħed mill-ilsna kulturali tagħna iżda mhux bħala lsien uffiċjali ta' Malta, għax inkella jista' jieħu importanza politika li tgħin il-propaganda tal-barrani. Issa l-ilsien nazzjonali ta' Malta hu l-Malti li jitkellmu l-Maltin u l-Għawdxin kollha. Iżda jien irrid in-tenni l-istqarrija tiegħi li kienet miġjuba ħażin: "Ma hemm ebda raġuni għax ma għandux ikun possibli għall-qassisin Maltin li jkun hemm għaqda kulturali aktar qawwija u ftehim akbar mal-Kattoliċi ta' l-Ingliterra." Anqas ma għidt li l-qassisin Maltin huma kontra t-tagħlim ta' l-Ingliż u ta' l-Istorja Ingliża. Dak li għidt sew sew kien illi "l-kleru tagħna mhux imħarreġ biżżejjed fl-Ilsien Ingliż u fl-Istorja," mhux imħabba l-mibegħda imma mħabba n-nuqqas ta' organizzazzjoni fil-ħajja tat-tagħlim tagħna.

Illi ċ-*Church Missionary Society*, kienet l-ewwel li qalgħet il-permess għat-twaqqif ta' mitbagħ, ma jfissirx illi l-kleru Malti ta' dak iż-żmien ma setgħetx tiġih l-immaġinazzjoni u ma setax jaħsibha minn qabel biex jitlob permess bħal dan u jagħti 'l Malta l-ewwel Bibbja Kattolka *(....does not mean that the Maltese Clergy of the time could not have had the imagination and the foresight to ask for a similar permission before and give Malta the first Catholic Bible).*

Kien kif kien, il-qlib tajjeb ħafna li sar wara tat-Testment il-ġdid għamlu Ġuże Muscat Azzopardi, mgħallem ta' Ilsien Malti u, bħall-biċċa l-kbira tal-kittieba Maltin, kellu ħsebijiet kbar ta' Kattolku. Dan ġej minħabba li l-qassisin tagħna dejjem maqdru l-ilsien li bih jippriedkaw bħala djalett; u dan juri wkoll għaliex wieħed jew żewġ qassisin biss ħarġu fi ktieb il-priedki tagħhom bil-Malti, priedki li fihom għaxqa. Minn naħa l-oħra, ħafna kittieba ta' nofs tagħlim, li dejjem jiddeffsu flok oħrajn li jafu aktar minnhom, tawna f'idejna għadd bla tarf ta' xogħlijiet li ma jiswew xejn, ta' ħwejjeġ imqaddsa. Patri Bugeja jitkellem mill-Malti, l-ilsien tiegħu u tiegħi, bħala "l-hekk imsejjaħ ilsien" (*the so-called language*). Aktarx li ma jafx li l-Ilsien Malti dan l-aħħar kiber ħafna. Jekk irid jista' jaqra l-artiklu tiegħi fuq il-Malti fil-*Poetry Review* ta' Jannar-Frar, '39, u jekk jinteressa ruħu bi grammatki Maltin, l-Oxford Press stampat tnejn tajbin ħafna: waħda tar-Rev. E. Sutcliffe, S.J., u l-oħra ta' Miss May Butcher.

Naħseb li jkun aħjar għalina l-Maltin ma nħossux irwieħna sodisfatti bil-ħwejjeġ kif inhuma, u naħseb ukoll li din il-kritka miktuba bi kliem ċar u magħmula b'fehma tajba minn wieħed li jqis it-Twemmin Kattolku u l-Kultura Latina bħala l-qawwa ta' Malta b'inkejja tal-ħafna nuqqasijiet tagħna, ma tinftiehemx ħażin, l-aktar minn nies ta' art twelidi.

Ġ. AQUILINA.